# 1

FIT-TNAX ta' Ġunju, 1798, il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann ċedew il-gżejjer Maltin lill-qawwiet Franċiżi taħt il-kmand ta' Napuljun Bonaparte. Fil-ftit jiem li dam hawn Malta, Napuljun għadda bosta liġijiet li wħud minnhom xejn ma ntgħoġbu mill-Maltin. Napuljun telaq minn Malta fid-dsatax ta' Ġunju, 1798 u ħalla warajh kummissjoni tal-Gvern sabiex twettaq l-istruzzjonijiet li kien ħareġ fiż-żmien qasir li dam hawn Malta. Bħala kmandant tal-Forzi Armati Franċiżi ħalla lil Vaubois.

Il-mod kif l-amministraturi li ħalla warajh Napuljun bdew iwettqu r-riformi l-ġodda naffar lill-Maltin u wassal biex fost il-poplu kien hawn skuntentizza kbira li fl-aħħar wasslet sabiex il-poplu qam kontra l-ħakkiema Franċiżi.

Il-Maltin qamu kontra l-Franċiżi fit-tnejn ta' Settembru, 1798 u l-imblokk dam sal-erbatax ta' Settembru, 1800 meta l-Franċiżi ċedew l-armi. Matul dan l-imblokk, niesna wrew ħila kbira u qlubija liema bħalha. Fost ħwejjeġ oħra ta' min isemmi l-konġura kontra l-Franċiżi li fiha ħadu sehem attiv fost oħrajn Dun Mikiel Xerri u Guglielmo Lorenzi.

Il-pjan tal-konfoffa kien li xi Maltin ta' ġewwa l-Belt Valletta jaħbtu għall-Palazz Maġisterjali fejn Vaubois kien waqqaf il-Kwartier Ġenerali tiegħu. Oħrajn kellhom jaħbtu

għall-Belt min-naħa tal-Port il-Kbir u min-naħa ta' Putirjal filwaqt li xi Maltin kellhom jaħbtu għal Marsamxett. Is-sinjal lill-Maltin ta' barra l-Belt kellu jingħata minn fuq it-Torri Kavallier, ħdejn Kastilja.

Kollox kien imħejji għat-tnax ta' Jannar, iżda ġara li lejliet li kellha ssir din il-konġura, il-Franċiżi organizzaw serata fit-teatru Manoel wara li kienu saru jafu li l-qawwiet Franċiżi kienu għamlu xi rebħiet f'Sardinja u Napli.

Wara din is-serata żewġ fizzjali Franċiżi, Bovard u Roussell kienu sejrin bid-dgħajsa lura lejn Marsamxett meta raw xi ċaqliq mhux tas-soltu fil-post magħruf bħala l-Parlatorju. Roussell ġab xi suldati u resaq lejn ix-xatt biex jara x'kien dak iċ-ċaqliq. Il-Maltin li kien hemm moħbija jistennew is-sinjal infixlu hekk kif raw il-Franċiżi resqin fuqhom. Min qabeż il-baħar, min ċeda u min ħarab. Mingħajr telf ta' żmien il-Franċiżi bdew ifittxu għal min seta' kellu x'jaqsam mal-konġura u arrestaw xi nies fosthom lill-patrijiet Dumnikani tal-Belt, iżda dawn inħelsu aktar tard għax ma kienx hemm provi kontrihom. Fost il-membri li kienu qed imexxu l-konġura nqabdu Guglielmo Lorenzi, Dun Mikiel Xerri, Dun Miju Zarb u l-fizzjal Peralta.

Ilkoll, ma' qalbiena oħrajn, ħallsu l-ogħla prezz għall-imħabba lejn art twelidhom.

# 2

NHAR is-sbatax ta' Jannar, 1799, l-inħawi ta' madwar il-Palazz Nazzjonali kienu maħnuqa bin-nies li kienu nġabru sabiex jaraw wieħed mill-imseħbin tal-konġura jingħata l-mewt. Tlett ijiem qabel il-Franċiżi kienu xkubettjaw lil Guglielmo Lorenzi u issa kien imiss lil Dun Mikiel Xerri u xi qalbiena oħra.

Il-qassis twassal sa ħdejn wieħed mill-bibien ewlenin tal-Palazz imgħasses tajjeb mis-suldati Franċiżi. In-nies bdew jimbottaw għax kulħadd ried jara lill-qassis. Kien hemm ħafna li kienu jafuh u wħud minnhom kienu midħla tiegħu. Fost dawn tal-aħħar kien hemm il-bennej Manwel Pulis.

Hekk kif is-suldati bdew jieħdu posthom biswit il-qassis, waqgħet sikta kbira fost il-folla. Il-ħoss tat-tanbur beda jidwi mal-misraħ u ħabbar il-mewt għal min ma beżax jeħodha kontra min kien aqwa minnu.

Manwel ma felaħx jibqa' hemm sal-aħħar. Minn fejn kien seta' jara lil ħabibu Dun Mikiel u lit-tlettax-il qalbiena l-oħra li kienu se jħallu ħajjithom għal art twelidhom.

"Saħħa, Dun Mikiel … saħħa lilkom ilkoll … kemm inħossni ċkejken ħdejkom. Kemm nixtieq li kelli xi ftit mill-kuraġġ tagħkom!" lissen Manwel minn taħt l-ilsien.

Bid-dmugħ f'għajnejh telaq minn hemm u qabad triqtu

lejn Marsamxett. Ftit wara nstemgħu t-tiri tal-azzarini Franċiżi.

Hekk kif sema' t-tiri Manwel waqaf. Ħares lura u radd is-salib. F'qalbu qal talba ċkejkna għal dawk li kienu għadhom kif ħallsu l-ogħla prezz tal-irġulija. Imbagħad kompla fi triqtu lejn id-dar ta' wieħed sinjur fejn kien qed jagħmel xi xogħol.

Kien għoddu wasal meta ltaqa' ma' ħabibu Anġlu Calì.

"X'għandna, Manwel?" sellimlu Anġlu. "Jaqaw ġej mill-misraħ ta' quddiem il-Palazz?"

"Iva!" wieġbu Manwel. "Iżda ma flaħtx noqgħod hemm sal-aħħar! Mort biex nagħtih l-aħħar tislima lil Dun Mikiel!"

"Dawk il-klieb ma jaħfruha lil ħadd. Smajthom jgħidu li pitgħada se joqtlu lil Dun Miju Zarb," kompla jgħid Anġlu.

"Kull min kellu x'jaqsam fil-konġura u jinqabad se jpattiha qares. Mhux li konna neħilsu minnhom! Ġew fostna bl-għajta tal-libertà u taħthom ninsabu agħar milli konna qabel!" qal b'leħen għoli Manwel.

"Baxxi leħnek, ħabib!" widdbu Anġlu. "Ma tafx min ikun qed jisma'! Il-Franċiżi għad għandhom ħafna spiji jduru mas-saqajn. Ftakar li għad hawn min li jew għall-flus jew biex jidher sabiħ mal-barrani ma jaħsibhiex darbtejn biex iwassal fuq ħutu l-Maltin!"

"Sewwa qed tgħid, Anġ! Sewwa qed tgħid! Iżda xi darba għad tiġi dik il-ġurnata li Malta tkun tagħna l-Maltin! Il-barrani dejjem ħaseb għal rasu!"



F. Schembri

"Kliemek hu kliem il-għerf, ħabib!" qabel miegħu Calì. Imbagħad kompla:"Imma min jaf meta għad tiġi din il-ġurnata? Min jaf?"

"Xi darba għad tasal. Dak li bdew dawk il-qalbiena li nqatlu ftit tal-ħin ilu, irid jitkompla minn ta' warajhom u ta' warajhom sakemm tasal ir-rebħa aħħarija."

"Minn fommok 'l Alla," qallu Calì u wara li donnu kien ftakar f'xi ħaġa oħra, staqsieh:"Fuq il-patrijiet Dumnikani smajt xi ħaġa?"

"Xejn ġdid! Il-Franċiżi ma tantx iġibuhom lill-patrijiet Dumnikani!"

Iż-żewġt iħbieb komplew jitħaddtu għal ftit ħin ieħor sakemm infirdu u Manwel ħaffef il-pass lejn id-dar tas-Sur Indrì. Hekk kif wasal quddiem id-dar, ġibed il-ħabel tal-qanpiena u wara ftit kien jinsab ġewwa. Is-sħab mill-Punent kien jidher qed jinġema' u kollox kien qed juri li kienet ġejja xi ħalba xita qawwija.